# Tghid, san Guzepp kien Essen?

L-ewwelnett, min kienu l-Essenîn? Min kienu l-Essenîn, u x'għamla ta' ħajja kienu jgħaddu, kitibulna, fil-qosor u fiċ-ċâr, fl-ewwel ħarġa tat-tieni sena ta' dal-Qari, il-Professur Mons. Saydon. Għalhekk, biex wieħed ikun jaf min kienu, jista' jarġa' jaqra dik il-kitba. Imma billi min dik inhar 'il hawn, il-qarrejja żdiedu ħafna (Tiftakru? Fl-ewwel għadd tat-tielet sena, faċċata 5, konna għednielkom li kellna mseħbîn ftit anqas minn disa' mija. U l-lum qegħdin niġbdu, kull ħarġa, qrib l-ERBAT - ELEF KOPJA!), sa ngħid kelma jien fuq l-Essenîn, ta' malajr-malajr, biex ma nkunux b'xejn.

Minn ftit aktar minn mitt sena qabel twieled Kristu, sa qisu mitt sena wara, fil-Palestina kien hemm Xirka ta' Rhieb, jew 'patrijiet' Lhud. Dawn kellhom id-Dejr il-kbir tagħhom fil-barr, bgħid mill-ibliet kollha, fuq ġebel, fil-Għarb tal-Baħar il-Mejjet. Imma donnu li kien hemm oħrajn minnhom li kienu jgħixu għalihom, fil-għerien u fil-grieni, ġewwa l-widjien (1). Ma kienux jiżżewġu kollha, imma, għandhom ikunu li xi uħud minnhom kienu, għax fil-maqbar ta' qrib id-Dejr il-kbir li semmejna, f'naħa jgħidulha Qumrân, fost il-għadam ta' ħafna rġiel, insab ukoll xi ftit ta' nisa u tfal.



*Nazaret, Palestina. Mużajk qadim li taħt l-art ma' ġenbu nsabet il-menqa ta' żmien l-Appostli, bi ħżuż u talb tal-Insara.*

Dawn ir-Rhieb kienu mrawmîn tajjeb ħafna; meta xi ħadd minnhom kien isiefer minn belt għall-oħra, jew min-naħa għall-oħra, bħalli kieku mid-Dejr il-kbir tagħhom imur Betlehem, jew Ġerusalem; inkella

minn Ġerusalem imur ix-Xâm, jiġifieri Damasku, ma kien jieħu xejn miegħu, ikel jew flus għat-triq. Għax joqgħod Nazaret bid-dâr, biex jilqa' lil sħâbu l-imsefrîn.

"Imma xi jġiegħlek taħseb hekk?" isaqsi xi ħadd.

Mela! Ngħidlek malajr. San Ġużepp ġewwa Nazaret kellu żewġt idjar (3): waħda fejn kienu jgħammru hu, u l-Madonna u l-Bambin, u fl oħra kellu l-ħanût, fejn kien jaħdem: jagħmel l-imħâret u x-xtâbi. Fuq din li semmejna issa, fejn kien il-ħanût, sa żmien ilu, kien hemm ħerba ta' knisja f'kull belt jew raħal li jgħaddi minnhom, kien ikun hemm wieħed Essên minn sħabu, joqgħod bid-dâr.. Dan kien jilqa' f'dâru lil dak sieħbu li jiġi, u jżommu għandu, jiekol u jixrob, jorqod u jqum, sa kemm idum hemm. Jekk ikun jaħtieġ, kien jagħtih ħwejjeġ ġodda u qorq ġdid (2). Għalhekk san Ġużepp sata' kien wieħed minn dawna: râheb Essên, miżżewweġ, qadima. Il-Franġiskani xtraw il ħerba u l-għalqa ta' ma' dwarha u l-knisja bnewha mill-ġdid, u temmew il-bini tagħha fis-sena 1914. Huma u jneħħu minn hemm ir-radam, fl-1908, imħaffra fil-blât, fl-art tal-knisja, sabu menqa żgħira mrebbgħa, qasbtejn Ingliżi (yards) tul u wisa' b'seba' tarġiet biex wieħed jinżel fiha. Din il-menqa mill-ewwel Insâra kienet magħduda b'ħaġa qaddîsa, għax isseba' tarġiet insâbu miksija bil-mużajk; u l-ħitân tal-menqa kienu miksija bir-rhâm, u l-qiegħ miksi bil-mużjak ukoll.

Issa ħaġa oħra. F'dan il-Qari għedna aktar minn darba li l-Franġiskani dal-aħħar ħattew il-knisja li kien hemm f'Nazaret fuq l-Għar tal-Madonna, li semmejna moqbejl, biex issa fi mkienha jibnu Bażilka kbira (4). Ma' ġenb il Għar Imqaddes, fl-art, kien hemm mużajk qadim, għandu xi elf u sitt mitt sena, għax fih ix-xbieha tas-salîb, jiġifieri ta' qabel is-sena 427, għax f'din is-sena l-Imperatur Teodosju II mena', jiġifieri *ipprojbixxa* li xi ħadd jagħmel ix-xbieha tas-Salib fl-art, fejn tista tirfes (5). Issa l Franġiskani, li sa jibdew jibnu, qalgħu dak il-mużajk, qawwi sħiħ biex jagħmlulu sodda ġdîda; aqta' meta qalgħuh x'sabu, taħtu sew? Sabu menqa oħra! U din ukoll imħaffra fil-blat,



*Nazaret, Palestina. Biċċa mil-menqa li nsabet taħt il-knisja tal-Ħanut ta' San Ġużepp. Fix-xellug tar-ritratt jidher it-taraġ li minnu kienu jinżlu għal ġewwa fiha.*

u wkoll fiha, biex tinżel seba' tarġiet.

Dil-menqa ma hix miksija bil-mużajk (jaħasra! L-Insâra ta' dak iż-żmien kienu foqra wisq; ma kellhom flus x'jonfqu fit-tiżjin!), imma mkaħħla, u fit-tikħil maħżuża xbieha tas-salîb u kliem bil-Grieg, bħal: "Mulej henn għal qaddej tiegħek Sosju!" Inkella: "Mulejja, iftakar fija!" (6). Ġewwa dil-menqa kien hemm qatiegħ ħaġar minġur, għadu bit-tikħil imwaħħal miegħu, u dan it-tikħil ukoll kien fih il-ħżuż: xbiehât tal-ġejome-

trija; weraq ward u frieghi; raġel bis-salîb f'idu u hekk. Mela, dil-menqa wkoll, bħal l-oħra tal-Hanût ta' San Ġużepp, kienet magħduda bħala ħaġa mqaddsa mill-ewwel Insâra.

Issa, għal fejn kienu jaqdu dawn iż-żewġ imnieqi? Dan huwa li sa ngħidu hawnhekk, għax dawn huma li jġiegħlu lil min jaħseb li San Ġużepp kien Essên: dawn iż-żewġt imnieqi!

Għax l-Essenîn kienu telgħin u neżlin, ġisimhom kollu, ġewwa l-ilma! Kienu jagħmlu kemm il-darba ma tûl il-jûm, dik li bil-lsien tagħhom kienu jgħidulha "tabîla" (kieku bil-Malti ngħidulha *tiblîla*, mill-kelma "*tbill*") jiġifieri bħal magħmudija, biex iżommu dejjem ġisimhom nadîf u hekk, kif kienet il-fehma tagħhom, ukoll ruħhom tkun nadîfa. L-Essên kien jogħdos fl-ilma meta jiġi mix-xogħol, jew mis-suq, jew meta jkun għadda minn xi triq li fiha ħafna nies, u laqat magħhom, jew tħaddet ma nies li ma kienux Lhud, u dan. Fil-qasîr, kull meta kien jaħseb li sata' kien imniġġes b'xi ħaġa.

Li dawk iż-żewġ menqiet kienu hemm għal għan wieħed, jidher għax it-tnejn imħaffra fil-blat; it-tnejn għandhom daqs wieħed; it-tnejn fihom *seba' tarġiet*. U t-tnejn fihom altar li kienu magħduda b'imqaddsa mill-Insâra.

Barra minn dan jidher li d-djar ta' San Ġużepp u l-Madonna baqgħu f'idejn qrabâthom għal mijiet ta' snin (7) u kienu magħduda bħala ħaġa mqaddsa sa mill-bidu tad-Din Nisrâni meta kien għad hemm dik ix-xirka ta' Lhud-Insara li kienu jgħidulhom Ebjonîn, qabel il-ħrieb, jew *gwerra* ta' Vespasjanu u Titu. Il-lum kull ħadd, jew qisu kull ħadd, jemmen li għadd kbir minn dawn l-Insâra kienu mnisslin mix-Xirka tal-Essenîn.

Mela hekk, għandna ħafna toroq, li jaqblu, biex ngħid hekk, għal mis-raħ wieħed: nafu mill-Evanġelju Mqaddes li sidna Ġesù Kristu kellu xi jgħid max-xirkiet kollha tal-Lhudin: Kittieba, Fareżîn, Sadduqîn u Herodîn, imma max-Xirka tal-Essenîn ma kellu xi jgħid qatt. Nafu wkoll mill-kitba li nsâbet dal-aħħar f'Qumrân, li x-Xirka ewlenija tal-Insara kienet tixbah wisq lix-Xirka tar-Rhieb Essenîn (8). San Ġakbu l-Ewwel Isqof ta' Ġerusalem, li kienu jgħidulu ħu Kristu kien Essên qawwi kif jgħidu saħansitra l-Lhud ta' dażżmien ukoll. Wisq nies iżommu l-lum li San Ġwann il-Għammiedi kien Essên, u għal hekk kien jgħaddi dik il-ħajja iebsa, u kien jagħmilha ma' l-Essenîn. Mela jekk ħbieb sidna Ġesù Kristu u qrabâtu kienu Essenîn, taħseb li San Ġużepp ma kienx huwa wkoll? Aktarx li kien, u dan donnhom juru dawk iż-żewġt imnieqi taħt iż żewġt idjar tiegħu f'Nazaret, li waħda minnhom insâbet ftit snin ilu, u l-oħra li nsâbet issa, li sem-mejniehom hawn hekk.

———

(1) Wieħed Ingliż, J. E. Hanauer, li trabba Ġerusalem u kiteb ħafna fuqha xi ħamsin sena ilu, f'wieħed mill-kotba tiegħu ("Folklore of the Holy Land", faċċata 106), jgħid li fuq ġenb ix-Xmiel ta' Wied in-Nâr, qrib Ġerusalem, hemm ħerba li l-Għarab ta' dik in-naħa jgħidulha Dejr is-Sinne, jiġifieri l-Kunvent tal-Essenin, u jgħidu fuqhom din il-ħrafa.

Darba waħda, meta l-qamar dam ma tala', is-Sinne ħasbu li n-nies tar-raħal ta' Abu-Dis (li jiġi n-naħa tax-Xerq, jew *east*), biex jinkuhom kienu qabdu l-qamar u żammewhulhom. Għalhekk is-Sinne rmaw ruħhom u kienu sejrin jaħbtu għalihom.

Imma kif waslu fuq il-għolja li tiġi bejnhom u Abu-Dis, raw il-qamar tiela'. Għal dan bdew jiżfnu u jgħannu bil-ferħ,

u qalu wieħed lill-ieħor: "In-nies ta' Abu-Dis semgħuna sejrin għaliehom u beżgħu, għal hekk telquh il-qamar tagħna!"

Billi l-Essenin kienu jistkerrhu lil qassisin Lhud ta' Ġerusalem, il-qassisin kienu wkoll jobgħodu lilhom, u aktarx li din il-ħrâfa qalgħuha huma, u baqgħet tingħad sal-lum mir-raħħâla ta' dawk innaħat.

(2) Ara l-Evanġelju ta' san Mark, k. VI v. 8 u paralleli.

(3) Ara xi ktibna fuq dan fl-ewwel ħarġa tar-raba' sena ta' dal-Qari, faċċata 18.

(4) Ara l-ħarġa ta' Jannar-Marzu, 1955, ff. 10 u 11, u l-ħarġa ta' Jannar-Marzu tal-1960, faċċata 4. U l-aħbarijiet f'kemm il-ħarġa.

(5) Ara n-nota fl-istorja ta' san Konônu, f'dal-Qari, ħarġa Lulju-Sett. 1959.

(6) *Kyrie, eleison ton tapeinon soy Sosios. Kyrie, mnestheti moy* ..

(7) Ara wkoll in-nota fl-istorja ta' san Kanônu.

(8) Ara x'kiteb fuq hekk Dun Karm Sant f'dal-Qari, Lulju-Sett., 1958.

# GHAZLA FIT-TWEMMIN TAL-KATTOLKI U L-ORTODOSSI

It-tagħlim Dîni tal-Griegi jitbiegħed mit-tagħlim tal-Kattolki fuq xi ħwejjeġ tad-Dommâtka. L-aktar li jitbiegħed mill-Kattolku hu fuq x'inhi l-Knisja. Il-Griegi jżommu li l-Knisja. Nisranija ma hix waħda, imma kull ġens ta' nies jista' jaħlaq għaqda ta' nies Insâra għalih waħdu; imma l-Insâra kollha għandhom ikunu taħt Rajjes Wieħed li ma jidhirx, li hu Ġesù Kristu. Għal hekk il-Griegi ma jemmnux li Râs il-Knisja huwa l-Papa, u wisq anqas jemmnu li l-Papa ma jistax jgħarra, fejn imiss id-Din. Jiċħdu wkoll li Ruħ il-Qodos niezla mill-Missier u mill-Iben. Jiċħdu li hemm Matħar, jew *Purgatorju*, u li l-Madonna twieldet mingħajr ħtija. Imma hi ħaġa tqîla wisq li wieħed jgħid kollox sewwa f'iex il-Griegi ma jaqblux mal-Latîni. Innuqqâs ta' tagħlîm tagħhom, u l-imxija li għandhom fuqhom il-Protestanti, ibiddlulhom wisq mit-Twemmîn Nisrani ewlieni tagħhom.

Il-Qoptîn u l-Armêni jemmnu li fi Kristu tinsâb natûra waħda, jiġifieri li huma *monofisîti*. Jgħidu li din in-natura ta' Kristu qegħda bejn id-Divinità u l-Umanità.

Huma maqsumîn f'ħafna qasmiet, li kellhom bidu minn kif ir-rjus tagħhom, jew *superjuri*, fissru din in-natura. Hu x'inhu, huma ma jaqblux mal-Konċilju ta' Kalċedonja, li sar fil-451, li qata' li fl-Iben t'Alla, it-Tieni Persuna tat-Trinità, għad li hu Wieħed, għandu żewġ naturi, Umâna u Divina, magħżulin minn xuxlin.

*Mudir il-Maġella*

# QWIEL TAL-PALESTINA

*La turâfeq, qabel tuwâfeq.* Timxix ma' dak li jkun qabel ma tkun taf min hu. Għandu l-ħila jkun xi ħalliel, u jaħbat għalik u jisirqek. U mqar ma jkunx, in-nies li jafuh, jarawk miegħu jaħsbuk bħalu.